Innijiet liturġiċi għal waqt
iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fit-tifkiriet tal-

# Imqaddsa Verġni Marija



**Mons. Michael Bugeja** *kliem*
**Christopher Muscat** *mużika*

AKKADEMJA TAL-MUŻIKA SAGRA FRANCESCO AZOPARDI

ARCHDIOCESE OF MALTA

**© Michael Bugeja u Christopher Muscat 2024**

L-intenzjoni ta' din il-pubblikazzjoni hija sabiex tiġi użata għal skopijiet liturġiċi u sagri ġewwa l-Provinċja Ekkleżjastika Maltija. Ebda silta minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor (fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew irrekordjat) mingħajr il-permess bil-miktub tal-awtur u l-kompożitur, ħlief f'każ ta' kwotazzjonijiet għal raġunijiet ta' analiżi jew studju u għal użu mhux kummerċjali li huwa permess mill-liġi tal-*copyright*.

Id-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, f'xi wieħed mill-misteri tal-ħajja tagħha u dik ta' Binha Ġesù, jew taħt xi titlu jew ieħor, hija waħda mill-pedamenti li fuqhom hija mibnija l-ħajja tal-fidi tal-poplu Malti. Matul is-snin inkitbu jew ġew tradotti minn lingwi oħra ħafna innijiet popolari, li daħlu fil-qlub tal-Insara Maltin. Inkitbu wkoll ħafna innijiet li huma magħrufa biss fil-parroċċi jew knejjes fejn hemm devozzjoni partikulari fil-post. Min-naħa l-oħra ftit minnhom huma l-innijiet Marjani li nistgħu insejħulhom 'liturġiċi' jew li jistgħu jsieħbu ħin jew ieħor tal-Quddiesa.

Għalhekk il-Vigarjat għal-Liturġija flimkien mal-Akkademja tal-Mużika Sagra Francesco Azzopardi, li għada kemm ġiet imnedija, qed jipproponu dawn l-erba' innijiet biex jaqdu dan il-għan. Dawn l-innijiet jagħmlu referenza għall-mument partikulari li huma marbutin miegħu, imnebbħin minnhom u b'bażi biblika. L-għan tagħhom hu li jintużaw fil-festi tal-Imqaddsa Verġni Marija li jsiru matul is-sena liturġika u għalhekk mhumiex marbutin ma' xi festa jew tifkira partikulari.

Dawn l-innijiet, miktubin b'versi tat-tmienja u tas-sebgħa, li hu l-metru tal-għana Malti, b'mużika mexxejja u tal-widna, iħeġġu lill-ġemgħa liturġika, tingħaqad mal-kor, jew tkanta weħidha, biex is-sehem fil-misteru ta' Kristu Rxoxt, b'togħma tal-ħajja ta' dejjem, ikun iktar sħiħ u jqanqal għall-għaqda minn issa ma' Alla.

**Mons. Dr Jesmond Manicaro**
*Vigarju Episkopali għal-Liturġija*

8 ta' Settembru, 2024
Festa tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija
Kurja tal-Arċisqof, Floriana, Malta

# INTROJTU


Maestoso ♩ = 72
Kant
Orgni
Org.
mf
f
Hawn mad
wa - rek sej - jaħ - til - na il - lum, hawn_ f'Jum il - Mu - lej, għa - liex
taf_ li għand-na bżon - nok u min għaj - rek m'aħ-na xejn. Sej - jaħ







1. Hawn madwarek sejjaħtilna
Illum, hawn f'Jum il-Mulej
Għaliex taf li għandna bżonnok
U mingħajrek m'aħna xejn.

Sejjaħtilna f'jum Omm Ibnek
Żina tagħha kull virtù
Mhux għax biss bil-ġieħ imżejna
Iżd'għax wettqet li ried hu.

2. La tibżax, farragħa l-anġlu,
Meta bħalna ma fehmitx;
Iva wieġbet minn qiegħ qalbha,
Riedet Alla ma kisritx.

Lilna wkoll, ta' omm l-imħabba,
Twissi sfiq b'xewqat ta' ġid,
Biex ir-rieda tiegħu nagħmlu,
Kull ma jlissen fomm is-Sid.

3. Għalhekk ġejna, mċekkna w niedma,
B'fidi, b'ferħ u b'tamiet kbar
Li bil-qawwa timla qlubna,
Dnubna jdub f'tal-ħniena s-star.

Hi tat-tama l-għajn u l-kewkba,
Hi tal-kenn fis-saram sur,
Hi li tfarraġ, thenni, ssabbar,
Dan il-wied tfewwaħ bħal fjur.

4. Bħalma ngħaqdet mal-Appostli,
Hekk tinsab hawn magħna wkoll;
Titlob magħna, kull hemm tbiegħed,
Mal-ħażin kull rabta tħoll.

Trinità qaddisa mbierka
Li sultana lilha ħtart,
U ħajjitha bdilt għalina,
F'damma mżejna bl-oħla ward.

# OFFERTORJU


Andantino ♩ = 66
mp
Im-wet-
Org.
mf
mp
tqin bil-kel-ma tie - għek fi-na s seħħ bħal tnis-sil ġdid; qalb-na n tmes - set b'dik il-
Org.
mp
qaw-wa li mid dgħaj - jef tnix-xi l - ġid. In-res - squ - lek ma' ħaj - jit - na, ħobż mis
Org.




1. Imwettqin bil-kelma tiegħek,
   Fina seħħ bħal tnissil ġdid;
   Qalbna ntmesset b'dik il-qawwa,
   Li mid-dgħajjef tnixxi l-ġid.

   Inressqulek ma' ħajjitna,
   Ħobż misjur, għeneb magħsur,
   Biex bl-ispirtu tiegħek tibdlu,
   F'ħajja ġdida bl-hena tfur.

2. F'ġieħ Omm Ibnek b'ħajr quddiemek,
   Inroddulek debha tfuħ,
   Għaliex nafu li b'dil vittma,
   Bieb is-sema jkun miftuħ.

   Bħalma nfetaħ għal Marija,
   Għax bl-imħabba li uriet,
   Kif ried Hu għexet ħajjitha,
   Bl-iva tagħha d-dinja ħjiet.

3. Fuq din l-art għexet fis-sema,
   Id f'id ħadmet mal-Mulej;
   Fis-smewwiet tellgħet l-art magħha,
   Ħaġa waħda mal-Feddej.

   Kemm f'dirgħajha, kemm f'ħoġorha
   Vittma sar fuq l-oħla altar,
   Fi twelidu xerrdet dmugħha
   F'mewtu ġabret l-aħħar qtar.

4. Għal darb oħra din hi l-għotja,
   Li għamiltlek hi mill-qalb,
   Waqt li magħha lkoll magħquda
   Miġmugħin ilkoll fit-talb.

   Ilqgħu mela Missier twajjeb,
   Dan il-ħobż, dan l-inbid bnin,
   Kif ilqajt l-offerta tagħha,
   Ħalli tifdi lill-bnedmin.

# TQARBIN


Meditativo ♩ = 60
1
pp
1. Ġis - mek
Org.
pp


5
kil - na, dem-mek xrob - na, i-kel aq - wa ma nsi-bux fis-Sa
Din il-linja tista' tindaqq minflok
l-id il-leminija fil-vrus biż-żewġ.
pp
Org.
pp




2. Nadurawk, għajn tal-imħabba
   Fl-aħħar nifs fuq is-salib
   Inqimuk omm l-ikbar qawwa,
   Ommna sirt f'ħin it-tiġrib.

3. Dan hu ġismu, dan hu demmu,
   Ħuduh, fikom isir serħ;
   Din hi ommu, takom b'ommkom
   U fi dmugħha nsibu l-ferħ.

4. Nersqu lejh, inwarrbu l-biżgħa,
   Nadurawh, nitqawwew bih,
   Ruħna jxebba w dan ġisimna
   Jsib serħan, xħin jinsab fih.

5. Mill-altar li sar ħoġorha,
   Hekk kif tniżżel mis-salib,
   Jistedinna ntennu magħha
   L-iva tagħna fit-tiġrib.

6. Ħobż mibdul, isir għalina,
   Ħobż li jqawwi lid-dgħajfin,
   Kif, ġo ġufha, l-Iben t'Alla
   Bħalna sar, bħalna l-bnedmin.

7. Baqa' magħna, għax dik xewqtu,
   Sabiex miegħu magħqudin,
   Ngħixu miegħu ħaġa waħda
   Sa ma nkunu meħlusin.

8. Hekk din l-omm, li tana b'ommna,
   Fl-għotja tiegħu, qabel radd
   Lilu nnifsu, l-ogħla vittma,
   Magħna tkun, ma twarrab qatt.

9. Nadurawk fil-ħobż tas-sema
   Iben Alla, bin din l-omm
   Int tgħajjixna, hi tqawwina,
   U qrib tiegħek lilna żżomm.

# GĦELUQ



1
mp
1. Fid - dlam
Org.
mf
mp
5
is - wed tid-di kewk-ba tħab-bar sebħ li ma jin - temmx; fl-għom-ma kief - ra żif-fa
Org.
10
ħel - wa li taħ - jik u bħa-la m'hemmx. O Ma - ri - ja is-mek dej - jem aħ-bar
Org.


15
taj - ba għal kul - ħadd; Dik il - ħar - sa sbej-ħa f'wiċ - ċek tnis-sel ferħ li ma jgħib
Org.
20
mf
qatt. ℟ In-ti omm l-im-ħab-ba tagħ - na, in-ti l-glor - ja ta' dal ġens. F'riġ-lejk
Org.
mf
25
f
nish - ru, li-lek ngħaj-tu, għax fik biss in-ġar-rbu l wens. Ib-qa' magħ - na o Ma-
Org.
f




2. F'tlugħ ix-xemx tal-jum imwieled,
Tqajjem lilna minn kull ngħas;
Tnissel għaqal u bżulija,
Biex tal-aħwa nagħtu kas.

Illum ġbartna, kif trid dejjem
Li ninġabru mal-Feddej,
Biex nitolbu, biex infaħħru
Lill-ħanin, Alla l-Mulej.

3. F'nofs in-nhar tħeġġeġ il-ħidma,
Tkun id-dell, f'qillet il-jum,
Sabiex nemmnu, nafdaw f'Alla,
Sakemm nistgħu ngħidu, llum.

U kif tlabt mat-tnax miġbura
Fuq, fejn ġismu b'ikel ta,
U stennejt l-Ispirtu s-Santu
Biex tkun xhud tal-verità.

4. Fl-għabex int għalina tama
Li il-jum li qed inin,
Mhux it-tmiem li jġib id-dieqa,
Għax f'idejk, is-Sid ħanin.

Magħna ngbart sa Ruħ il-Qodos
Lilna lkoll mela' mill-ġdid,
Biex minn hawn noħorġu mħeġġa,
Ħalli nkunu għajn ta' ġid.

**℟. Inti omm l-imħabba tagħna,**
**Inti l-glorja ta' dal-ġens.**
**F'riġlejk nishru, lilek ngħajtu,**
**Għax fik biss inġarrbu l-wens.**

**Ibqa' magħna o Marija,**
**Kun, f'kull pass, għalina tmun,**
**Sabiex bħalek nimxu, nħaffu,**
**Naslu s-sema. Hekk ikun.**